GVERN TA' MALTA
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI

DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

# ĊIRKULARI 06/2025
# Allokazzjoni Finanzjarja għall-2026

| | |
|---|---|
| **Lil:** | Presidenti, Viċi Presidenti, Membri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Reġjonali Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Lokali |
| **Mingħand:** | Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) |
| **Data:** | 14 ta' Novembru 2025 |

## 1. Baġit għall-Kunsilli Lokali

1.1 Il-Baġit disponibbli għall-Kunsilli Lokali għall-2026 ser jirriżulta f'allokazzjoni li tammonta għal €43,000,000

1.2 L-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsilli Lokali hija maqsuma kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | **Tisbiħ u Manutenzjoni tal-Parks u Ġonna** | € 3,000,000 |
| **2.** | **Manutenzjoni tat-Toroq** | €14,500,000 |
| **3.** | **Immaniġġar tal-Iskart** | € 11,000,000 |
| **4.** | **Spejjeż ta' Amministrazzjoni** | € 14,500,000 |
| | | **€43,000,000** |

1.3 Kif tafu, matul is-sena kurrenti (2025) il-fondi għar-rimi tal-iskart għaddew għand il-Kunsilli Reġjonali rispettivi li b'mod dirett jieħdu ħsieb il-ħlasijiet. Għas-sena d-dieħla (2026) qed jerġa jsir l-istess u għaldaqstant l-estimi jiriflettu dan.

## 2. *Fond t'aġġustament (€555,000)*

2.1 Il-Kunsilli Lokali rispettivi qed jiġu infurmati dwar l-ammonti disponibbli f'dan il-fond għas-sena 2026. Il-fondi jkunu allokati abbażi ta' pjan konkret u ġustifikat.

2.2 Dawn il-fondi huma miżjuda mal-allokazzjoni diretta u qed jitqassmu kif ġej:

a. Distribuzzjoni ta' fond ta' €305,000 lil dawk il-lokalitajiet li huma meqjusa bħala lokalitajiet turistiċi.

b. Distribuzzjoni ta' fond ta' €250,000 lill-ħdax-il belt hekk kif definiti fl-Att.

## 3. Aktar dettalji

3.1 Ma' din iċ-Ċirkulari għandkom issibu:

a. L-ammont totali tal-allokazzjoni finanzjarja ta' kull Kunsill Lokali (Appendiċi 1)

b. Fejn hu applikabbli, il-porzjon allokat għall-komunitajiet, li huwa diġa inkluż fl-allokazzjoni tal-Kunsilli Lokali rispettivi (Appendiċi 2).

3.2 Fil-jiem li ġejjin, ser tintbagħat imejl individwali lil kull Kunsill Lokali bl-ammont maqsum għal kull lokalità.

## 4. Fondi għall-Kunsilli Reġjonali

4.1. L-allokazzjoni finanzjarja għas-sitt Kunsilli Reġjonali għas-sena 2026 eskluż il-ġbir tal-iskart hi ta' €4,500,000 (€750,000 kull Kunsill Reġjonali).

4.2. Ma' dawn il-fondi, ser ikun miżjud l-ammont ta' €17,098,028 sabiex ikopri spejjeż marbuta:

a. Mas-servizz tal-ġbir tal-iskart (ikkalkulati skont il-kuntratti eżistenti)

b. Mar-rimi tal-iskart (ibbażati fuq il-piżijiet rispettivi irrappurtati għas-sena 2025*) bl-aġġustament għar-rati l-ġodda għall-2026).

c. Mar-*rejects* għas-sena 2026 (ibbażati fuq il-piżijiet u l-persentaġġi rispettivi irrappurtati għas-sena 2025*) bl-aġġustament għar-rati l-ġodda għall-2026).

4.3. Fil-jiem li ġejjin, ser tintbagħat imejl individwali lil kull Kunsill Reġjonali bl-ammont maqsum għal kull Reġjun.

*ħlief għall-piżijiet ta' Novembru u Diċembru 2025, li huma stima ikkalkulata fuq ix-xejra ta' matul is-sena.

**IFFIRMATA**

Christopher Galea
Direttur (Gvern Lokali - Monitoraġġ u Sapport)

*Mehmuża:* *Appendiċi 1 u 2*

*Kopji:*
*Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali*
*Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali*
*Segretarju Permanenti, MCLG*
*Awditur Ġenerali*
*Direttur Ġenerali (Gvern Lokali)*
*Direttur, Gvern Lokali (Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy)*
*Direttur, Gvern Lokali (Finance & Procurement Compliance)*
*President, AKL*
*President, ANSEK*